SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 01/KA1/10

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 12/07/'10 1**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 12/07/'10 1**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.00 a.m..

1.03 Prezenti: Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv:-
Richard Scicluna
Joe Conti De Manduca
Karl Consilglio
Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Assenti: Il-Membru Carmel Agius

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-5 ta' Lulju 2010. L-Aġenda kienet hekk:

1. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Chairman

2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Chairman

## 2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Chairman

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tat merħba lill-membri u nfurmathom li minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta fl-Elezzjoni tal-Kumitati Amministrattivi, l-membru Richard Scicluna kiseb l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Chairman.

2.02 Il-Membru Richard Scicluna ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Chairman.

2.03 Iċ-Chairman ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lil dawk kollha preżenti u awgura li bil-koperazzjoni ta' kulħadd dan il-Kumitat Amministrattiv jaħdem sabiex ikun ta' suċċess għall-ġid tar-residenti.

2.04 Is-Sindku awgura lill-Kumitat Amministrattiv kull suċċess.

## 3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi–Chairman

3.01 Inġibded l-attenzjoni li l-Membru Joseph De Conti Manduca kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta. Għalhekk għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Chairman.

3.02 Il-Membru Joseph De Conti Manduca ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Chairman.

## 4. Materji Ohra

4.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tressqet il-komunikazzjoni.

4.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.03 Inġibded l-attenzjoni tal-Membri dwar:-

- il-proċedura ta' l-ilmenti, li dawn għandhom jitressqu lill-amministrazzjoni tal-Kunsill biex tittieħed azzjoni mmedjata fejn ikun possibbli.
- Il-minuti jitniżlu skont l-'istanding orders' artiklu 14A (1), (2) (a), (b), (c).

4.04 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv issir nhar ta' Tnejn fl-10.00 a.m.

4.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-10.30 a.m.

**Richard Scicluna**
**Chairman**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**